# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/543

## tat-22 ta' Marzu 2017

## li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti u tal-kategorizzazzjonijiet tagħhom

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat li d-dejta miċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar li saru fl-Istati Membri tkun komparabbli, u biex jingħata lok għal studji affidabbli fl-Unjoni kollha, is-suġġetti taċ-ċensimenti jeħtieġ ikunu stabbiliti u kategorizzati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu adottati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal dawk is-suġġetti u għall-kategorizzazzjonijiet tagħhom.

(2) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-suġġetti taċ-ċensimenti u għall-kategorizzazzjonijiet tagħhom li jridu jiġu applikati għad-dejta li trid tintbagħat lill-Kummissjoni għas-sena ta' referenza 2021 huma elenkati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14.

*ANNESS*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti taċ-ċensiment u l-kategorizzazzjonijiet tagħhom**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma ppreżentati kif ġej:

— Kull suġġett huwa identifikat b'intestatura.

— L-intestatura tas-suġġett tista' tkun segwita minn speċifikazzjonijiet tekniċi li jirreferu għal dak is-suġġett inġenerali.

— Minn hemm 'il quddiem, il-kategorizzazzjoni/jiet tas-suġġett hija/huma speċifikata/i. Uħud mis-suġġetti għandhom iżjed minn kategorizzazzjoni waħda, kull waħda b'livelli differenti ta' dettall. Meta dan ikun il-każ, "H" tidentifika l-kategorizzazzjonijiet bl-ogħla livell ta' dettall, "M" tidentifika l-kategorizzazzjonijiet b'livell medju ta' dettall, "L" tidentifika l-kategorizzazzjonijiet bl-inqas livell ta' dettall u "N" tidentifika l-kategorizzazzjoni li tirreferi għal-livell nazzjonali.

— It-totali li japplikaw għalihom il-kategorizzazzjonijiet huma identifikati. Kull kategorizzazzjoni tista' tkun segwita b'iktar speċifikazzjonijiet tekniċi li jkunu speċifikament dwar dik il-kategorizzazzjoni.

**Suġġett: Residenza abitwali**

Meta japplikaw id-definizzjoni ta' "residenza solita" li tinsab fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008, l-Istati Membri għandhom jittrattaw il-każijiet speċjali kif ġej:

(a) Meta persuna tgħix regolarment f'iżjed minn residenza waħda matul is-sena, ir-residenza li fiha din il-persuna tqattal-maġġoranza tas-sena għandha titqies bħala r-residenza abitwali tagħha, irrispettivament jekk din tkunx tinsab xi mkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż. Madankollu, persuna li matul il-ġimgħa taħdem 'il bogħod mid-dar u li tirritorna lejn id-dar tal-familja fi tmiem il-ġimgħa għandha tikkunsidra d-dar tal-familja bħala r-residenza abitwali tagħha, irrispettivament jekk il-post tax-xogħol tagħha jkunx jinsab xi mkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż.

(b) It-tfal u l-istudenti tal-iskola primarja u sekondarja li jkunu 'l bogħod mid-dar matul is-sena skolastika u irrispetti-vament jirritornawx lejn id-dar tal-familja tagħhom ta' sikwit, għandhom jikkunsidraw id-dar tal-familja tagħhom bħala r-residenza abitwali tagħhom (irrispettivament jekk ikunux qed ikomplu l-edukazzjoni tagħhom xi mkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż).

(c) L-istudenti terzjarji li jkunu 'l bogħod mid-dar waqt li jkunu qegħdin fil-kulleġġ jew fl-università għandhom jikkunsidraw l-indirizz tagħhom għal dak iż-żmien bħala r-residenza abitwali tagħhom, irrispettivament jekk dawn ikunux istituzzjoni (bħal skejjel li joffru faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għal għejxien fihom) jew residenza privata u irrispettivament jekk ikunux qed ikomplu l-edukazzjoni tagħhom xi mkien ieħor fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż. F'każijiet eċċezzjonali, meta l-post tal-edukazzjoni jkun fil-pajjiż, ir-residenza abitwali tista' tiġi kkunsidrata li tkun id-dar tal-familja.

(d) Istituzzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala r-residenza abitwali tar-residenti kollha tagħha li fiż-żmien taċ-ċensiment ikunu qattgħu, jew x'aktarx li jkunu se jqattgħu, 12-il xahar jew iktar jgħixu hemm.

(e) Ir-regola ġenerali fir-rigward ta' fejn jitqattal-biċċa l-kbira tal-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum tapplika għall-persuni bil-lieva obbligatorja u għall-membri tal-forzi armati li jgħixu fil-kwartieri jew fil-kampijiet militari.

(f) Il-post tal-enumerazzjoni għandu jiġi kkunsidrat li jkun ir-residenza abitwali ta' persuni bla dar jew bla saqaf fuq rashom, nomadi, vagabondi u persuni li ma jkollhom l-ebda kunċett ta' residenza abitwali.

(g) Wild li jalterna bejn żewġ postijiet ta' residenza (pereżempju l-ġenituri tiegħu jkunu divorzjati) għandu jikkunsidra l-post li fih iqattal-maġġoranza taż-żmien bħala r-residenza abitwali tiegħu. Meta jitqattal-istess ammont ta' żmien maż-żewġ ġenituri, ir-residenza abitwali għandha tkun il-post li fih il-wild jinsab matul il-lejla taċ-ċensiment jew inkella l-unità domestika li fiha l-wild ikollu r-residenza legali jew irreġistrata tiegħu.

(h) Għandhom jiġu inklużi l-baħrin tal-merkanzija u s-sajjieda li jkunu residenti abitwali fil-pajjiż iżda li jkunu fuq il-baħar meta jsir iċ-ċensiment (inklużi dawk li ma għandhom l-ebda post ta' residenza għajr l-akkomodazzjoni tagħhom abbord il-vapur).

(i) Għandhom jiġu inklużi l-persuni li jaf ikunu qed jgħixu b'mod irregolari jew mhux dokumentat, kif ukoll il-persuni li jfittxu l-ażil u l-persuni li jkunu ngħataw jew applikaw għal status ta' refuġjat jew għal tipi simili ta' protezzjoni internazzjonali, diment li dawn jissodisfaw il-kriterji tar-residenza abitwali fil-pajjiż. L-intenzjoni mhijiex li dawn il-persuni jiġu distinti b'mod separat, iżda pjuttost li jiġi żgurat li dawn ma jitħallux barra mill-enumerazzjoni.

(j) Għandhom jiġu inklużi t-tfal imwielda fit-tnax-il xahar qabel il-ħin ta' referenza taċ-ċensiment u li l-familji tagħhom ikunu residenti abitwali fil-pajjiż fil-ħin ta' referenza taċ-ċensiment.

(k) Għandhom jiġu inklużi l-persuni li s-soġġorn tagħhom fil-pajjiż (attwali u/jew intiż) ikun eżatt ta' sena.

Il-persunal militari, navali u tas-servizz diplomatiku u l-familji tagħhom.

(l) Il-persunal barrani militari, navali u tas-servizz diplomatiku u l-familji tagħhom, li jkunu jinsabu fil-pajjiż, tkun xi tkun id-durata tas-soġġorn tagħhom, għandhom jiġu esklużi mill-popolazzjoni residenti abitwali ta' pajjiż.

(m) Meta d-durata ta' residenza 'l barra mill-pajjiż tkun tista' tiġi stabbilita għall-persunal nazzjonali militari, navali u tas-servizz diplomatiku u għall-familji tagħhom li jkunu jinsabu 'l barra mill-pajjiż, għandu jiġi applikat dan li ġej:

— jekk ikunu residenti 'l barra mill-pajjiż għal inqas minn 12-il xahar u jkun biħsiebhom jirritornaw lejn il-post tat-tluq, dawn għandhom jiġu allokati fil-pajjiż skont ir-regoli tar-residenza abitwali. B'mod partikolari, dawn jistgħu jiġu allokati (bl-ogħla prijorità l-ewwel):

(i) lill-indirizz tad-dar tal-familja fil-pajjiż, jekk ikun hemm, jew

(ii) lill-post ta' stazzjonament fil-pajjiż li fih kienu stazzjonati qabel telqu.

— Jekk ikunu residenti 'l barra mill-pajjiż għal minn tal-inqas 12-il xahar jew jekk dawn ma jkunx biħsiebhom jirritornaw lejn il-post tat-tluq (għalkemm jirritornaw fil-pajjiż f'perjodu ta' 12-il xahar), dawn għandhom jiġu attribwiti "post virtwali" (reġjun *extra*) tal-pajjiż tat-tluq.

Abbażi tad-definizzjoni tar-residenza abitwali, il-persuni li jkunu residenti abitwali fil-post ta' enumerazzjoni iżda li meta jsir iċ-ċensiment ikunu assenti jew mistennija li jkunu assenti għal inqas minn sena għandhom jiġu kkunsidrati bħala persuni li jkunu temporanjament assenti u għaldaqstant għandhom jiġu inklużi fil-popolazzjoni totali. B'kuntrast ma' dan, il-persuni li jgħixu jew mistennija li jgħixu 'l barra mill-post ta' enumerazzjoni għal sena jew iktar ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala temporanjament assenti u għaldaqstant għandhom jiġu esklużi mill-popolazzjoni totali. Dan japplika irrispettivament mit-tul taż-żjarat li jaf jagħmlu lill-familji tagħhom minn żmien għal żmien.

Il-persuni li jiġu enumerati iżda li ma jissodisfawx il-kriterji tar-residenza abitwali fil-post ta' enumerazzjoni, jiġifieri ma jgħixux jew mhux mistennija li jgħixu fil-post ta' enumerazzjoni għal perjodu kontinwu ta' minn tal-inqas 12-il xahar, jiġu kkunsidrati bħala temporanjament preżenti u għaldaqstant ma jingħaddux fil-popolazzjoni totali tar-residenti abitwali.

| **Żona ġeografika** ([1]) | | | | | GEO.N. | GEO.L. | GEO.M. | GEO.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total (fit-territorju tal-Istat Membru) | | | | 0. | 0. | 0. | 0. |
| x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 1 fl-Istat Membru | | | | | x. | x. | x. |
| | x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 2 fl-Istat Membru | | | | x.x. | x.x. | x.x. |
| | | x.x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 3 fl-Istat Membru | | | | x.x.x. | x.x.x. |
| | | | x.x.x.x. | Ir-reġjuni kollha tal-LAU 2 fl-Istat Membru | | | | x.x.x.x. |

([1]) Il-kodiċijiet "x.", "x.x." u "x.x.x." jiddependu fuq il-klassifikazzjoni tan-NUTS, filwaqt li l-kodiċi "x.x.x.x." jiddependi fuq il-klassifikazzjoni tal-LAU, li jkunu validi għall-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 2021. L-annotazzjoni "N" tidentifika l-kategorizzazzjoni li tirreferi għal-livell nazzjonali.

Il-kategorizzazzjonijiet taż-"Żona ġeografika" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni (Residenza abitwali). Dawn jistgħu jintużaw ukoll biex issir kategorizzazzjoni reġjonali ta' kwalunkwe total li għalih la s-suġġett "Residenza abitwali" u lanqas is-suġġett "Lok tal-post tax-xogħol" ma japplikaw.

Għall-kategorizzazzjonijiet taż-"Żona ġeografika" għandhom jintużaw il-verżjonijiet tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS ([1])) u tal-klassifikazzjoni għall-Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAU) li jkunu validi fl-1 ta' Jannar 2021.

**Suġġett: Lok tal-post tax-xogħol**

Il-lok tal-post tax-xogħol huwa ż-żona ġeografika li fiha persuna li tkun attwalment impjegata twettaq xogħolha.

([1]) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, l-istatistika kollha tal-Istati Membri li tiġi trażmessa lill-Kummissjoni u li trid tiġi kkategorizzata skont l-unitajiet territorjali jenħtieġ li tuża l-klassifikazzjoni tan-NUTS. B'konsegwenza ta' dan, sabiex tiġi stabbilita l-istatistika reġjonali paragunabbli, id-dejta dwar l-unitajiet territorjali jenħtieġ li tiġi pprovduta skont il-klassifikazzjoni tan-NUTS. Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Il-post tax-xogħol ta' dawk li l-aktar jaħdmu fid-dar huwa l-istess bħar-residenza abitwali tagħhom. It-terminu "jaħdmu" jirreferi għal xogħol imwettaq minn "persuna impjegata" kif definit fis-suġġett "Stat ta' attività attwali". Li "l-aktar" jaħdmu fid-dar tfisser li l-persuna tqatta' ż-żmien kollu jew il-biċċa l-kbira minnu taħdem fid-dar, u inqas ħin jew l-ebda ħin f'post tax-xogħol għajr id-dar.

Għall-kategorizzazzjonijiet tal-"Lok tal-post tax-xogħol", għandha tintuża l-verżjoni tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) valida fl-1 ta' Jannar 2021.

L-informazzjoni dwar il-persuni li ma għandhomx post tax-xogħol fiss iżda li jmorru f'indirizz fiss fil-bidu tal-perjodu tax-xogħol tagħhom (pereżempju s-sewwieqa tal-linja, l-ekwipaġġ tal-linji tal-ajru, l-operaturi tal-bankarelli tal-monti li ma jitneħħewx fl-aħħar tal-ġurnata tax-xogħol) jenħtieġ li tirreferi għal dak l-indirizz. Dan il-grupp jista' jinkludi wkoll individwi li jivvjaġġaw biex jaħdmu, fuq bażi regolari, min-naħa għall-oħra tal-fruntiera lejn pajjiż ġar. Il-kategorizzazzjoni "Ebda post tax-xogħol fiss (fl-Istat Membru jew 'il barra minnu)" tinkludi kull persuna mingħajr post tax-xogħol fiss iżda se tirreferi wkoll għal persuni bħal pereżempju l-baħrin, is-sajjieda u l-ħaddiema lil hinn mill-kosta li għalihom jaf ma jkunx possibbli li jiġi allokat il-post tax-xogħol.

| **Lok tal-post tax-xogħol** ([1]) | | | | **LPW.N.** | **LPW.L.** |
|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. |
| 1. | Fit-territorju tal-Istat Membru | | | 1. | 1. |
| | 1.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 1 fl-Istat Membru | | | 1.x. |
| | | 1.x.x. | Ir-reġjuni kollha tan-NUTS 2 fl-Istat Membru | | 1.x.x. |
| | 1.y. | Post tax-xogħol mhux magħruf fl-Istat Membru | | | 1.y. |
| 2. | Mhux fit-territorju tal-Istat Membru | | | 2. | 2. |
| 3. | Ebda post tax-xogħol fiss (fl-Istat Membru jew 'il barra minnu) | | | 3. | 3. |
| 4. | Post tax-xogħol mhux magħruf (mhux magħruf jekk hux fl-Istat Membru jew 'il barra minnu) | | | 4. | 4. |
| 5. | Mhux applikabbli (il-persuna ma taħdimx) | | | 5. | 5. |

([1]) Il-kodiċijiet "1.x.", u "1.x.x." jiddependu fuq il-klassifikazzjoni tan-NUTS li tkun valida għall-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 2021. L-annotazzjoni "N" tidentifika l-kategorizzazzjoni li tirreferi għal-livell nazzjonali.

Il-kategorizzazzjonijiet tal-"Lok tal-post tax-xogħol" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Lokalità**

Lokalità hija ddefinita bħala raggruppament distint ta' popolazzjoni, jiġifieri żona kkaratterizzata minn popolazzjoni li tgħix f'binjiet biswit xulxin jew li jmissu ma' xulxin. Binjiet bħal dawn jistgħu jew:

(a) ikunu jifformaw abitat kontinwu b'formazzjoni tat-triq li tintgħaraf b'mod ċar; jew

(b) għalkemm ma jifformawx parti minn abitat bħal dan, ikunu jinkludu grupp ta' binjiet li jkollu isem uniku ta' post li jkun jintgħaraf lokalment; jew

(c) għalkemm ma jissodisfaw l-ebda waħda miż-żewġ kriterji ta' hawn fuq, ikunu jikkostitwixxu grupp ta' binjiet, bl-ebda binja minnhom ma tkun separata mill-iktar binja fil-qrib b'iżjed minn 200 metru.

Meta tiġi applikata din id-definizzjoni, ċerti kategoriji tal-użu tal-art ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħallikieku qed jinterrompu l-kontinwità tal-abitat. Dawn il-kategoriji jinkludu: binjiet u faċilitajiet industrijali u kummerċjali, parks pubbliċi, postijiet fejn jilagħbu t-tfal u ġonna, grawnds tal-futbol u faċilitajiet sportivi oħra, xmajjar bil-pontijiet, linji tal-ferrovija, kanali, parkeġġi u infrastruttura oħra tat-trasport, zuntieri tal-knisja u ċimiterji.

Ir-reġjuni LAU 2 b'popolazzjoni totali ta' inqas minn 2 000 jistgħu jitqiesu li jkunu lokalità waħda.

Popolazzjoni ta' lokalità hija ddefinita bħala persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom f'dik il-lokalità.

Binja mxerrda trid tiġi allokata lill-kategorija li tirrappreżenta l-għadd ta' persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fil-binja.

| Daqs tal-lokalità | | LOC. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | 1 000 000 persuna jew iktar | 1. |
| 2. | 500 000 — 999 999 persuna | 2. |
| 3. | 200 000 — 499 999 persuna | 3. |
| 4. | 100 000 — 199 999 persuna | 4. |
| 5. | 50 000 — 99 999 persuna | 5. |
| 6. | 20 000 — 49 999 persuna | 6. |
| 7. | 10 000 — 19 999 persuna | 7. |
| 8. | 5 000 — 9 999 persuna | 8. |
| 9. | 2 000 — 4 999 persuna | 9. |
| 10. | 1 000 — 1 999 persuna | 10. |
| 11. | 500 — 999 persuna | 11. |
| 12. | 200 — 499 persuna | 12. |
| 13. | inqas minn 200 persuna | 13. |

Il-kategorizzazzjoni "Daqs tal-lokalità" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal ta' unitajiet li jistgħu jinsabu f'"lokalitajiet", inkluż kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Sess**

| Sess | | SEX. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Raġel | 1. |
| 2. | Mara | 2. |

Il-kategorizzazzjoni "Sess" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Età**

Għandha tiġi rrappurtata l-età fi snin sħaħ li jkun għalaq dak li jkun fid-data ta' referenza.

| Età | | | | AGE.L. | AGE.M. | AGE.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. | 0. |
| 1. | taħt il-15-il sena | | | 1. | 1. | 1. |
| | 1.1. | taħt il-ħames snin | | | 1.1. | 1.1. |
| | | 1.1.1. | taħt is-sena | | | 1.1.1. |
| | | 1.1.2. | sena | | | 1.1.2. |

| Età | | | | AGE.L. | AGE.M. | AGE.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1.1.3. | sentejn | | | 1.1.3. |
| | | 1.1.4. | tliet snin | | | 1.1.4. |
| | | 1.1.5. | erba' snin | | | 1.1.5. |
| | 1.2. | bejn ħames u disa' snin | | | 1.2. | 1.2. |
| | | 1.2.1. | ħames snin | | | 1.2.1. |
| | | 1.2.2. | sitt snin | | | 1.2.2. |
| | | 1.2.3. | seba' snin | | | 1.2.3. |
| | | 1.2.4. | tmien snin | | | 1.2.4. |
| | | 1.2.5. | disa' snin | | | 1.2.5. |
| | 1.3. | bejn 10 snin u 14-il sena | | | 1.3. | 1.3. |
| | | 1.3.1. | 10 snin | | | 1.3.1. |
| | | 1.3.2. | 11-il sena | | | 1.3.2. |
| | | 1.3.3. | 12-il sena | | | 1.3.3. |
| | | 1.3.4. | 13-il sena | | | 1.3.4. |
| | | 1.3.5. | 14-il sena | | | 1.3.5. |
| 2. | bejn 15-il u 29 sena | | | 2. | 2. | 2. |
| | 2.1. | bejn 15-il u 19-il sena | | | 2.1. | 2.1. |
| | | 2.1.1. | 15-il sena | | | 2.1.1. |
| | | 2.1.2. | 16-il sena | | | 2.1.2. |
| | | 2.1.3. | 17-il sena | | | 2.1.3. |
| | | 2.1.4. | 18-il sena | | | 2.1.4. |
| | | 2.1.5. | 19-il sena | | | 2.1.5. |
| | 2.2. | bejn 20 u 24 sena | | | 2.2. | 2.2. |
| | | 2.2.1. | 20 sena | | | 2.2.1. |
| | | 2.2.2. | 21 sena | | | 2.2.2. |
| | | 2.2.3. | 22 sena | | | 2.2.3. |
| | | 2.2.4. | 23 sena | | | 2.2.4. |
| | | 2.2.5. | 24 sena | | | 2.2.5. |
| | 2.3. | bejn 25 u 29 sena | | | 2.3. | 2.3. |
| | | 2.3.1. | 25 sena | | | 2.3.1. |
| | | 2.3.2. | 26 sena | | | 2.3.2. |
| | | 2.3.3. | 27 sena | | | 2.3.3. |

| Età | | | | AGE.L. | AGE.M. | AGE.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2.3.4. | 28 sena | | | 2.3.4. |
| | | 2.3.5. | 29 sena | | | 2.3.5. |
| 3. | bejn 30 u 49 sena | | | 3. | 3. | 3. |
| | 3.1. | bejn 30 u 34 sena | | | 3.1. | 3.1. |
| | | 3.1.1. | 30 sena | | | 3.1.1. |
| | | 3.1.2. | 31 sena | | | 3.1.2. |
| | | 3.1.3. | 32 sena | | | 3.1.3. |
| | | 3.1.4. | 33 sena | | | 3.1.4. |
| | | 3.1.5. | 34 sena | | | 3.1.5. |
| | 3.2. | bejn 35 u 39 sena | | | 3.2. | 3.2. |
| | | 3.2.1. | 35 sena | | | 3.2.1. |
| | | 3.2.2. | 36 sena | | | 3.2.2. |
| | | 3.2.3. | 37 sena | | | 3.2.3. |
| | | 3.2.4. | 38 sena | | | 3.2.4. |
| | | 3.2.5. | 39 sena | | | 3.2.5. |
| | 3.3. | bejn 40 u 44 sena | | | 3.3. | 3.3. |
| | | 3.3.1. | 40 sena | | | 3.3.1. |
| | | 3.3.2. | 41 sena | | | 3.3.2. |
| | | 3.3.3. | 42 sena | | | 3.3.3. |
| | | 3.3.4. | 43 sena | | | 3.3.4. |
| | | 3.3.5. | 44 sena | | | 3.3.5. |
| | 3.4. | bejn 45 u 49 sena | | | 3.4. | 3.4. |
| | | 3.4.1. | 45 sena | | | 3.4.1. |
| | | 3.4.2. | 46 sena | | | 3.4.2. |
| | | 3.4.3. | 47 sena | | | 3.4.3. |
| | | 3.4.4. | 48 sena | | | 3.4.4. |
| | | 3.4.5. | 49 sena | | | 3.4.5. |
| 4. | bejn 50 u 64 sena | | | 4. | 4. | 4. |
| | 4.1. | bejn 50 u 54 sena | | | 4.1. | 4.1. |
| | | 4.1.1. | 50 sena | | | 4.1.1. |
| | | 4.1.2. | 51 sena | | | 4.1.2. |
| | | 4.1.3. | 52 sena | | | 4.1.3. |

| Età | | | | AGE.L. | AGE.M. | AGE.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 4.1.4. | 53 sena | | | 4.1.4. |
| | | 4.1.5. | 54 sena | | | 4.1.5. |
| | 4.2. | bejn 55 u 59 sena | | | 4.2. | 4.2. |
| | | 4.2.1. | 55 sena | | | 4.2.1. |
| | | 4.2.2. | 56 sena | | | 4.2.2. |
| | | 4.2.3. | 57 sena | | | 4.2.3. |
| | | 4.2.4. | 58 sena | | | 4.2.4. |
| | | 4.2.5. | 59 sena | | | 4.2.5. |
| | 4.3. | bejn 60 u 64 sena | | | 4.3. | 4.3. |
| | | 4.3.1. | 60 sena | | | 4.3.1. |
| | | 4.3.2. | 61 sena | | | 4.3.2. |
| | | 4.3.3. | 62 sena | | | 4.3.3. |
| | | 4.3.4. | 63 sena | | | 4.3.4. |
| | | 4.3.5. | 64 sena | | | 4.3.5. |
| 5. | bejn 65 u 84 sena | | | 5. | 5. | 5. |
| | 5.1. | bejn 65 u 69 sena | | | 5.1. | 5.1. |
| | | 5.1.1. | 65 sena | | | 5.1.1. |
| | | 5.1.2. | 66 sena | | | 5.1.2. |
| | | 5.1.3. | 67 sena | | | 5.1.3. |
| | | 5.1.4. | 68 sena | | | 5.1.4. |
| | | 5.1.5. | 69 sena | | | 5.1.5. |
| | 5.2. | bejn 70 u 74 sena | | | 5.2. | 5.2. |
| | | 5.2.1. | 70 sena | | | 5.2.1. |
| | | 5.2.2. | 71 sena | | | 5.2.2. |
| | | 5.2.3. | 72 sena | | | 5.2.3. |
| | | 5.2.4. | 73 sena | | | 5.2.4. |
| | | 5.2.5. | 74 sena | | | 5.2.5. |
| | 5.3. | bejn 75 u 79 sena | | | 5.3. | 5.3. |
| | | 5.3.1. | 75 sena | | | 5.3.1. |
| | | 5.3.2. | 76 sena | | | 5.3.2. |
| | | 5.3.3. | 77 sena | | | 5.3.3. |
| | | 5.3.4. | 78 sena | | | 5.3.4. |
| | | 5.3.5. | 79 sena | | | 5.3.5. |

| **Età** | | | | **AGE.L.** | **AGE.M.** | **AGE.H.** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 5.4. | bejn 80 u 84 sena | | | 5.4. | 5.4. |
| | | 5.4.1. | 80 sena | | | 5.4.1. |
| | | 5.4.2. | 81 sena | | | 5.4.2. |
| | | 5.4.3. | 82 sena | | | 5.4.3. |
| | | 5.4.4. | 83 sena | | | 5.4.4. |
| | | 5.4.5. | 84 sena | | | 5.4.5. |
| 6. | 85 sena u iktar | | | 6. | 6. | 6. |
| | 6.1. | bejn 85 u 89 sena | | | 6.1. | 6.1. |
| | | 6.1.1. | 85 sena | | | 6.1.1. |
| | | 6.1.2. | 86 sena | | | 6.1.2. |
| | | 6.1.3. | 87 sena | | | 6.1.3. |
| | | 6.1.4. | 88 sena | | | 6.1.4. |
| | | 6.1.5. | 89 sena | | | 6.1.5. |
| | 6.2. | bejn 90 u 94 sena | | | 6.2. | 6.2. |
| | | 6.2.1. | 90 sena | | | 6.2.1. |
| | | 6.2.2. | 91 sena | | | 6.2.2. |
| | | 6.2.3. | 92 sena | | | 6.2.3. |
| | | 6.2.4. | 93 sena | | | 6.2.4. |
| | | 6.2.5. | 94 sena | | | 6.2.5. |
| | 6.3. | bejn 95 u 99 sena | | | 6.3. | 6.3. |
| | | 6.3.1. | 95 sena | | | 6.3.1. |
| | | 6.3.2. | 96 sena | | | 6.3.2. |
| | | 6.3.3. | 97 sena | | | 6.3.3. |
| | | 6.3.4. | 98 sena | | | 6.3.4. |
| | | 6.3.5. | 99 sena | | | 6.3.5. |
| | 6.4. | 100 sena u iktar | | | 6.4. | 6.4. |

Il-kategorizzazzjonijiet tal-"Età" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferi għal persuni.

**Suġġett: Stat Ċivili *De Iure***

L-istat ċivili huwa ddefinit bħala l-istat konjugali (*de iure*) ta' individwu fir-rigward tal-liġijiet (jew tal-użanzi) taż-żwieġ tal-pajjiż (jiġifieri l-istat *de iure*).

Persuna għandha tiġi kklassifikata skont l-istat ċivili *de iure* l-iktar reċenti tagħha fid-data ta' referenza.

Fl-Istati Membri li fihom il-leġiżlazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet għal koppji miżżewġa jew għal koppji f'konvivenza reġistrata biex ikunu "separati legalment", dawn il-persuni "separati legalment" għandhom jiġu kklassifikati bħala "Miżżewġa jew f'konvivenza reġistrata" (LMS.L. 2. u LMS.H. 2.).

| Stat Ċivili *De Iure* | | | LMS.L. | LMS.H. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. | 0. |
| 1. | Qatt ma kien/kienet miżżewweġ/miżżewġa u qatt ma kien/kienet f'konvivenza reġistrata | | 1. | 1. |
| 2. | Miżżewweġ/miżżewġa jew f'konvivenza reġistrata | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Miżżewweġ/miżżewġa jew f'konvivenza reġistrata ma' persuna tas-sess oppost | | 2.1. |
| | 2.2. | Miżżewweġ/miżżewġa jew f'konvivenza reġistrata ma' persuna tal-istess sess | | 2.2. |
| 3. | Armel/armla jew il-konvivenza reġistrata ntemmet bil-mewt tas-sieħeb/sieħba (u mhux miżżewweġ/miżżewġa mill-ġdid jew f'konvivenza reġistrata) | | 3. | 3. |
| 4. | Divorzjat/divorzjata jew il-konvivenza reġistrata ġiet xolta legalment (u mhux miżżewweġ/miżżewġa mill-ġdid jew f'konvivenza reġistrata) | | 4. | 4. |
| 5. | Mhux iddikjarat | | 5. | 5. |

Il-kategorizzazzjoni "Stat ċivili *de iure*" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferi għal persuni.

**Suġġett: Stat ta' attività attwali**

"Stat ta' attività attwali" hija r-rabta attwali ta' persuna mal-attività ekonomika, abbażi ta' perjodu ta' referenza ta' ġimgħa, li tista' tkun ġimgħa speċifikata, reċenti, fissa, kalendarja, l-aħħar ġimgħa kalendarja sħiħa jew l-aħħar sebat ijiem qabel l-enumerazzjoni.

Il-"forza tax-xogħol" tinkludi l-persuni kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-inklużjoni fost l-impjegati jew il-qiegħda.

Il-persuni "*impjegati*" jinkludu l-persuni kollha li jkollhom 15-il sena jew iktar li matul il-ġimgħa ta' referenza:

(a) tħallsu jew qalgħu profitt fi flus kontanti jew in natura għal minn tal-inqas siegħa xogħol, jew

(b) kienu temporanjament assenti minn xogħol li kienu diġà għamlu u li żammew rabta formali miegħu, jew minn attività ta' xogħol għal rashom.

L-impjegati temporanjament assenti minn xogħol għandhom jiġu kkunsidrati li qegħdin f'impjieg bil-ħlas diment li kellhom rabta formali max-xogħol. Ir-raġunijiet possibbli għal assenzi temporanji bħal dawn huma:

(a) mard jew korriment; jew

(b) btala jew vaganza; jew

(c) strajk jew imblokk; jew

(d) liv għal skopijiet ta' edukazzjoni jew ta' taħriġ; jew

(e) liv tal-maternità jew tal-ġenituri; jew

(f) tnaqqis fl-attività ekonomika; jew

(g) diżorganizzazzjoni jew sospensjoni temporanja mix-xogħol minħabba raġunijiet bħal maltemp, ħsara mekkanika jew elettrika, jew nuqqas ta' materja prima jew fjuwils; jew

(h) assenza temporanja oħra b'liv jew mingħajru.

Ir-rabta formali max-xogħol għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' waħda mill-kriterji li ġejjin jew iżjed:

(a) riċeviment kontinwu ta' paga jew ta' salarju; jew

(b) aċċertament ta' ritorn għax-xogħol wara t-tmiem tal-kontinġenza, jew ftehim rigward id-data tar-ritorn; jew

(c) id-durata li għaddiet tal-assenza mix-xogħol li, meta jkun rilevanti, tista' tkun dik id-durata li għaliha l-ħaddiema jistgħu jirċievu benefiċċji ta' kumpens mingħajr l-obbligu li jaċċettaw impjiegi oħra.

Il-persuni li jaħdmu għal rashom għandhom jiġu kkunsidrati bħala "impjegati" jekk dawn ikunu ħadmu b'dan il-mod matul il-ġimgħa ta' referenza jew jekk ikunu temporanjament assenti mix-xogħol u sadanittant l-impriża tagħhom tkompli teżisti.

Ħaddiema tal-familja li jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati bħala "impjegati" bl-istess bażi bħal persuni impjegati oħra; dan irrispettivament min-numru ta' sigħat maħduma matul il-perjodu ta' referenza. Bl-istess mod, il-persuni li jwettqu kompiti jew dmirijiet ta' xogħol ta' impjegat bħala membru tal-familja li jgħix taħt l-istess saqaf jew taħt saqaf ieħor, għandhom jiġu kklassifikati wkoll bħala impjegati.

Il-"*qiegħda*" jinkludu l-persuni kollha li jkollhom 15-il sena jew iktar u li kienu:

(a) "mingħajr xogħol", jiġifieri ma kinux f'impjieg bil-paga jew f'xogħol għal rashom matul il-ġimgħa ta' referenza; u

(b) "attwalment disponibbli għax-xogħol", jiġifieri kienu disponibbli għal impjieg bil-paga jew għal xogħol għal rashom matul il-ġimgħa ta' referenza u għal ġimgħatejn wara; kif ukoll

(c) "qed ifittxu x-xogħol", jiġifieri kienu ħadu passi speċifiċi biex ifittxu impjieg bil-paga jew xogħol għal rashom fi żmien erba' ġimgħat sal-ġimgħa ta' referenza.

L-"Oħrajn" tinkludi l-persuni li mhux fil-forza tax-xogħol u li qed jirċievu għajnuna pubblika jew appoġġ privat, kif ukoll il-persuni l-oħra kollha li ma jistgħu jiġu kkategorizzati fl-ebda mill-kategoriji ta' hawn fuq.

Meta jiġi attribwit stat wieħed ta' attività lil kull persuna, għandha tingħata prijorità lill-istat ta' "Impjegat/a" bi preferenza għal "Qiegħed/qiegħda", u lill-istat ta' "Qiegħed/qiegħda" bi preferenza għal "Mhux fil-forza tax-xogħol".

Meta jiġi attribwit stat wieħed ta' attività lil kull persuna attwalment mhux fil-forza tax-xogħol, għandha tingħata prijorità lill-istat tal-"Persuni taħt l-età minima nazzjonali għal attività ekonomika" bi preferenza għal "Destinatarji ta' pensjoni jew ta' dħul kapitali", għall-istatus ta' "Destinatarji ta' pensjoni jew ta' dħul kapitali" bi preferenza għal "Studenti", u ta' "Studenti" bi preferenza għal "Oħrajn".

Għaldaqstant il-kategorija "Studenti" (CAS.H.2.3.) għandha tinkludi l-istudenti tal-edukazzjoni sekondarja u terzjarja li:

— laħqu l-età minima nazzjonali għal attività ekonomika jew li qabżuha, u

— mhumiex fil-forza tax-xogħol, u

— mhumiex destinatarji ta' pensjoni jew ta' dħul kapitali.

| Stat ta' attività attwali | | | CAS.L. | CAS.H. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. | 0. |
| 1. | Forza tax-xogħol | | 1. | 1. |
| | 1.1. | Impjegat/a | 1.1. | 1.1. |
| | 1.2. | Qiegħed/qiegħda | 1.2. | 1.2. |
| 2. | Mhux fil-forza tax-xogħol | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Persuni taħt l-età minima nazzjonali għal attività ekonomika | | 2.1. |
| | 2.2. | Destinatarji ta' pensjoni jew ta' dħul kapitali | | 2.2. |
| | 2.3. | Studenti | | 2.3. |
| | 2.4. | Oħrajn | | 2.4. |
| 3. | Mhux iddikjarat | | 3. | 3. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Stat ta' attività attwali" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Professjoni**

"Professjoni" tirreferi għat-tip ta' xogħol li jsir f'impjieg. It-"Tip ta' xogħol" huwa deskritt permezz tal-kompiti u tad-dmirijiet ewlenin tax-xogħol.

L-allokazzjoni ta' persuna fil-kategorizzazzjonijiet tas-suġġetti "Professjoni", "Industrija" u "Status fl-impjieg" għandha ssir abbażi tal-istess impjieg. Il-persuni li jkollhom iktar minn impjieg wieħed għandhom jiġu allokati professjoni abbażi tal-impjieg ewlieni tagħhom, li jrid jiġi identifikat skont:

(1) iż-żmien li qattgħu fl-impjieg jew, jekk ma jkunx disponibbli,

(2) id-dħul li rċevew.

Il-persuni ta' età ta' 15-il sena jew iktar li kienu impjegati (jiġifieri kellhom "Stat ta' attività attwali" — CAS ta' "Impjegat/a" (CAS.L. u CAS.H. 1.1)) matul il-ġimgħa ta' referenza għandhom jiġu kklassifikati f'kategorija waħda biss mill-kategoriji OCC.1. sa OCC.11.

Il-persuni ta' taħt l-età ta' 15-il sena, kif ukoll il-persuni tal-età ta' 15-il sena jew iktar li kienu:

— qiegħda matul il-ġimgħa ta' referenza ("Stat ta' attività attwali" — "Qiegħed/qiegħda" (CAS.L. 1.2)) jew li

— ma kinux fil-forza tax-xogħol ("Stat ta' attività attwali —" Mhux fil-forza tax-xogħol (CAS.L. u CAS.H.2.)) għandhom jiġu kklassifikati f'"Mhux applikabbli" (OCC.12.).

Jekk id-denominazzjoni tal-kategoriji tal-klassifikazzjoni ISCO fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 tiddevja minn dik imniżżla fil-kategoriji OCC.2. sa OCC.11., għandha tintuża d-denominazzjoni tal-klassifikazzjoni ISCO fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

| Professjoni | | OCC. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Maniġers | 1. |
| 2. | Professjonisti | 2. |
| 3. | Tekniċi u professjonisti assoċjati | 3. |
| 4. | Ħaddiema fil-qasam tal-appoġġ klerikali | 4. |
| 5. | Ħaddiema fil-qasam tas-servizzi u tal-bejgħ | 5. |
| 6. | Ħaddiema bil-ħiliet fl-agrikoltura, fil-forestrija u fis-sajd | 6. |
| 7. | Ħaddiema tal-artiġjanat u ta' snajja' relatati | 7. |
| 8. | Operaturi tal-impjanti u tal-magni u dawk fil-qasam tal-assemblaġġ | 8. |
| 9. | Professjonijiet elementari | 9. |
| 10. | Professjonijiet fil-forzi armati | 10. |
| 11. | Mhux iddikjarat | 11. |
| 12. | Mhux applikabbli | 12. |

Il-kategorizzazzjoni "Okkupazzjoni" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Industrija**

"Industrija" (fergħa tal-attività ekonomika) tirreferi għat-tip ta' produzzjoni jew attività tal-istabbiliment jew ta' unità simili li fihom ikun jinsab l-impjieg ta' persuna impjegata. Għal persuni li jkunu reklutati u impjegati minn impriża waħda iżda li fil-fatt ikollhom il-post tax-xogħol tagħhom f'impriża oħra ("ħaddiema tal-aġenziji", "ħaddiema ssekondati") għandha tiġi rrappurtata l-industrija (fergħa tal-attività ekonomika) tal-istabbiliment jew ta' unità simili li fihom fil-fatt ikun jinsab il-post tax-xogħol.

L-allokazzjoni ta' persuna fil-kategorizzazzjonijiet tas-suġġetti "*Professjoni*", "*Industrija*" u "*Status fl-impjieg*" għandha ssir abbażi tal-istess impjieg. Il-persuni li jkollhom iżjed minn impjieg wieħed għandhom jiġu allokati industrija (fergħa tal-attività ekonomika) abbażi tal-impjieg ewlieni tagħhom li jrid jiġi identifikat skont:

— iż-żmien li qattgħu fl-impjieg jew, jekk ma jkunx disponibbli,

— id-dħul li rċevew.

Il-persuni tal-età ta' 15-il sena jew iktar li kienu impjegati (jiġifieri kellhom "Stat ta' attività attwali" — CAS ta' "Impjegat/a" (CAS.L. u CAS.H. 1.1)) matul il-ġimgħa ta' referenza għandhom jiġu kklassifikati f'kategorija waħda biss mill-kategoriji IND.1. sa IND.11.

Il-persuni ta' taħt l-età ta' 15-il sena, kif ukoll il-persuni tal-età ta' 15-il sena jew iktar li kienu:

— qiegħda matul il-ġimgħa ta' referenza ("Stat ta' attività attwali" — "Qiegħed/qiegħda" (CAS.L. u CAS.H.1.2)) jew li

— ma kinux fil-forza tax-xogħol ("Stat ta' attività attwali — "Mhux fil-forza tax-xogħol (CAS.L. u CAS.H.2.)) għandhom jiġu kklassifikati f'"Mhux applikabbli" (IND.12.).

| Industrija | | | IND.L. | IND.H. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. | 0. |
| 1. | Agrikoltura, forestrija u sajd | | 1. | 1. |
| 2. | Manifattura, xogħol fil-minjieri u fil-barrieri, u industrija oħra | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Xogħol fil-minjieri u fil-barrieri | | 2.1. |
| | 2.2. | Manifattura | | 2.2. |
| | 2.3. | Provvista tal-elettriku, tal-gass, tal-fwar tal-ilma u tal-arja kundizzjonata | | 2.3. |
| | 2.4. | Provvista tal-ilma; drenaġġ, immaniġġjar tal-iskart u attivitajiet ta' ri-medju | | 2.4. |
| 3. | Kostruzzjoni | | 3. | 3. |
| 4. | Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, trasport u ħżin, akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi tal-ikel | | 4. | 4. |
| | 4.1. | Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' muturi u ta' vetturi bil-mutur | | 4.1. |
| | 4.2. | Trasport u ħżin | | 4.2. |
| | 4.3. | Akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi tal-ikel | | 4.3. |
| 5. | Informazzjoni u komunikazzjoni | | 5. | 5. |
| 6. | Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni | | 6. | 6. |
| 7. | Attivitajiet marbuta mal-proprjetà immobbli | | 7. | 7. |
| 8. | Attivitajiet ta' servizzi professjonali, xjentifiċi, tekniċi, amministrattivi u ta' sostenn | | 8. | 8. |
| | 8.1. | Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi | | 8.1. |
| | 8.2. | Attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn | | 8.2. |
| 9. | Amministrazzjoni pubblika, difiża, edukazzjoni, attivitajiet ta' saħħa tal-bnedmin u ta' ħidma soċjali | | 9. | 9. |
| | 9.1. | Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja | | 9.1. |
| | 9.2. | Edukazzjoni | | 9.2. |
| | 9.3. | Attivitajiet ta' saħħa tal-bnedmin u ta' ħidma soċjali | | 9.3. |

| Industrija | | | IND.L. | IND.H. |
|---|---|---|---|---|
| 10. | Servizzi oħra | | 10. | 10. |
| | 10.1. | Arti, divertiment u rikreazzjoni | | 10.1. |
| | 10.2. | Attivitajiet ta' servizzi oħra | | 10.2. |
| | 10.3. | Attivitajiet ta' unitajiet domestiċi bħala unitajiet li jħaddmu; attivitajiet ta' unitajiet domestiċi li jipproduċu oġġetti u servizzi mhux differenzjati għall-użu tagħhom stess | | 10.3. |
| | 10.4. | Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u ta' korpi extraterritorjali | | 10.4. |
| 11. | Mhux iddikjarat | | 11. | 11. |
| 12. | Mhux applikabbli | | 12. | 12. |

Jekk id-denominazzjoni tal-kategoriji tal-klassifikazzjoni NACE fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 tiddevja minn dik imniżżla fil-kategoriji IND.1. sa IND.10., għandha tintuża d-denominazzjoni tal-klassifikazzjoni NACE fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Il-kategorizzazzjoni "Industrija" (fergħa tal-attività ekonomika) hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Status fl-impjieg**

"Impjegat/a" ikun/tkun persuna li jaħdem/taħdem f'"impjieg bil-ħlas", jiġifieri impjieg li fih il-kuntratt tal-impjieg espliċitu jew impliċitu jagħti rimunerazzjoni bażika lill-impjegat/a, li ma tkunx tiddependi mill-introjtu tal-unità li l-impjegat/a jaħdem/taħdem magħha (din l-unità tista' tkun korporazzjoni, istituzzjoni li ma taħdimx għal profitt, unità tal-gvern jew unità domestika). Is-soltu l-persuni li jkollhom "impjieg bil-ħlas" jiġu rremunerati b'pagi u b'salarji, iżda jistgħu jitħallsu b'kummissjoni mill-bejgħ, b'rati bl-imqieta, b'bonusijiet jew bi ħlas in natura bħall-ikel, l-akkomodazzjoni jew it-taħriġ. Xi wħud mill-għodod, mit-tagħmir kapitali, mis-sistemi tal-informazzjoni u/jew mill-istabbilimenti li jintużaw mill-impjegat/a jew kollha kemm huma, jistgħu jkunu proprjetà ta' ħaddieħor, u l-impjegat/a jista'/tista' jaħdem/taħdem taħt is-superviżjoni diretta tas-sid/sidien jew ta' persuni fl-impjieg tas-sid, jew skont il-linji gwida stretti stabbiliti minnhom.

"Min iħaddem" ikun persuna li taħdem għal rasha jew ma' għadd żgħir ta' sħab, li jkollha "impjieg indipendenti" u li f'din il-kapaċità u fuq bażi kontinwa (inkluża l-ġimgħa ta' referenza) irreklutat persuna waħda jew iktar biex taħdem għaliha bħala "impjegati". Min iħaddem jieħu d-deċiżjonijiet operazzjonali li jaffettwaw lill-impriża, jew jiddelega dawn id-deċiżjonijiet filwaqt li jibqa' jerfa' r-responsabbiltà għall-interessi tal-impriża.

Jekk persuna tkun kemm min iħaddem kif ukoll impjegat/a, din għandha tiġi allokata lil grupp wieħed biss skont:

— iż-żmien li qattgħu fl-impjieg jew, jekk ma jkunx disponibbli,

— id-dħul li rċevew.

"Ħaddiem li jaħdem għal rasu" ikun persuna li filwaqt li taħdem għal rasha jew sħab ma' xi ħadd jew ma' xi wħud, ikollha "impjieg indipendenti" u ma tkunx reklutat xi "impjegati" fuq bażi kontinwa (inkluża l-ġimgħa ta' referenza).

"Persuni impjegati oħra" tinkludi persuni li jkunu "ħaddiema tal-familja li jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom" u "membri ta' kooperattivi tal-produtturi".

"Ħaddiem tal-familja li jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu" ikun persuna li:

— ikollha "impjieg indipendenti" fi stabbiliment li jkun orjentat lejn is-suq li jitħaddem minn persuna relatata, filwaqt li tgħix fl-istess unità domestika, u li

— ma tistax titqies bħala sħab (jiġifieri min iħaddem jew ħaddiem li jaħdem għal rasu) minħabba li l-grad ta' impenn għat-tħaddim tal-istabbiliment, f'termini ta' ħin tax-xogħol jew fatturi oħra li jridu jiġu ddeterminati skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, ma jkunx f'livell li jista' jiġi pparagunat ma' dak tal-kap tal-istabbiliment.

"Membru ta' kooperattiva tal-produtturi" ikun persuna li jkollha "impjieg indipendenti" fi stabbiliment li jkun organizzat bħala kooperattiva, li fih kull membru jieħu sehem fuq livell indaqs ma' membri oħra fid-determinazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni, tal-bejgħ u/jew ta' xogħol ieħor, tal-investiment u tat-tqassim tar-rikavati fost il-membri.

In-nukleu ta' familja huwa ddefinit f'sens dejjaq; jiġifieri żewġ persuni jew iktar li jagħmlu parti mill-istess unità domestika u li huma relatati bħala raġel u mara miżżewġin, bħala sħab fi sħubija rreġistrata, bħala sħab f'unjoni kunsenswali, jew bħala ġenitur u wild. Għaldaqstant familja tinkludi koppja mingħajr ulied, jew koppja b'wild wieħed jew iktar, jew ġenitur waħdu b'wild wieħed jew iktar. Dan il-kunċett ta' familja jillimita r-relazzjonijiet bejn l-ulied u l-adulti għal relazzjonijiet diretti (l-ewwel grad), jiġifieri bejn il-ġenituri u l-ulied.

Wild (iben/bint) jirreferi għal iben jew bint diretti, tar-rispett jew adottati (irrispettivament mill-età jew mill-istat ċivili) li jkollu r-residenza abitwali fl-unità domestika ta' minn tal-inqas ġenitur wieħed, u li ma jkollu l-ebda sieħeb/sieħba jew ulied tiegħu stess fl-istess unità domestika. It-tfal imqiegħda taħt foster care ma għandhomx jiġu inklużi. Iben jew bint li jgħix/tgħix ma' konjugu, ma' sieħeb/sieħba rreġistrat/a, ma' sieħeb/sieħba f'unjoni kunsenswali, jew ma' wild wieħed jew iktar tal-istess ġenitur, mhuwiex/mhijiex ikkunsidrat/a bħala wild. Wild li jalterna bejn żewġ unitajiet domestiċi (pereżempju jekk il-ġenituri jkunu divorzjati) għandu jikkunsidra l-post li fih iqattal-maġġoranza taż-żmien bħala l-unità domestika tiegħu. Meta jitqattal-istess ammont ta' żmien maż-żewġ ġenituri, ir-residenza abitwali għandha tkun il-post li fih il-wild jinsab matul il-lejla taċ-ċensiment jew inkella l-unità domestika li fiha l-wild ikollu r-residenza legali jew irreġistrata tiegħu.

"Sħab" għandha tinkludi l-koppji miżżewġa, il-koppji fi sħubijiet irreġistrati u l-koppji li jgħixu f'unjoni kunsenswali. "Sħubija rreġistrata" hija ddefinita bl-istess mod bħal fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-suġġett "Stat ċivili *de iure*".

Żewġ persuni huma kkunsidrati li jkunu sħab f'"unjoni kunsenswali" meta:

— jagħmlu parti mill-istess unità domestika, u

— ikollhom relazzjoni ma' xulxin li tixbah dik ta' żwieġ, u

— ma jkunux miżżewġin jew fi sħubija rreġistrata ma' xulxin.

L-"unitajiet domestiċi li fihom ikun hemm qabża ta' ġenerazzjoni" (unitajiet domestiċi li jkun fihom nannu/a jew nanniet u neputi/neputija jew neputijiet, iżda l-ebda ġenitur ta' dawk in-neputijiet) mhumiex inklużi fid-definizzjoni ta' familja.

| **Stat ta' familja** | | | | **FST.L.** | **FST.M.** | **FST.H.** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. | 0. |
| 1. | Sħab | | | 1. | 1. | 1. |
| | 1.1. | Persuni f'koppja miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata | | | 1.1. | 1.1. |
| | | 1.1.1. | Persuni f'koppja miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata tas-sess oppost | | | 1.1.1. |
| | | 1.1.2. | Persuni f'koppja miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata tal-istess sess | | | 1.1.2. |
| | 1.2. | Sħab f'unjoni kunsenswali | | | 1.2. | 1.2. |
| 2. | Ġenituri waħedhom | | | 2. | 2. | 2. |
| 3. | Ulied (subien/bniet) | | | 3. | 3. | 3. |
| | 3.1. | Mhux ta' ġenitur waħdu | | | 3.1. | 3.1. |
| | 3.2. | Ta' ġenitur waħdu | | | 3.2. | 3.2. |
| 4. | Mhux iddikjarat | | | 4. | 4. | 4. |
| 5. | Mhux applikabbli — mhux f'nukleu ta' familja | | | 5. | 5. | 5. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Stat ta' familja" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Tip ta' nukleu ta' familja**

L-ispeċifikazzjonijiet għal kunċetti ta' familja u d-definizzjonijiet tat-termini "nukleu ta' familja", "wild", "koppja" u "unjoni kunsenswali" previsti għas-suġġett "Stat ta' familja" japplikaw ukoll għas-suġġett "Tip ta' nukleu ta' familja".

| **Tip ta' nukleu ta' familja** | | | | **TFN.L.** | **TFN.H.** |
|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. |
| 1. | Familji ta' koppji miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata | | | 1. | 1. |
| | 1.1. | Familji ta' koppji miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata mingħajr ulied residenti | | | 1.1. |
| | | 1.1.1. | Familji ta' koppji raġel u mara | | 1.1.1. |
| | | 1.1.2. | Familji ta' koppji miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata tal-istess sess | | 1.1.2. |

| Tip ta' nukleu ta' familja | | | | TFN.L. | TFN.H. |
|---|---|---|---|---|---|
| | 1.2. | Familji ta' koppji miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata b'minn tal-inqas wild wieħed residenti ta' taħt il-25 sena | | | 1.2. |
| | | 1.2.1. | Familji ta' koppji raġel u mara | | 1.2.1. |
| | | 1.2.2. | Familji ta' koppji miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata tal-istess sess | | 1.2.2. |
| | 1.3. | Familji ta' koppji miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata bl-iżgħar iben/bint residenti b'età ta' 25 sena jew ikbar | | | 1.3. |
| | | 1.3.1. | Familji ta' koppji raġel u mara | | 1.3.1. |
| | | 1.3.2. | Familji ta' koppji miżżewġa jew fi sħubija rreġistrata tal-istess sess | | 1.3.2. |
| 2. | Familji ta' koppji f'unjoni kunsenswali | | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Koppji f'unjoni kunsenswali mingħajr ulied residenti | | | 2.1. |
| | 2.2. | Koppji f'unjoni kunsenswali b'minn tal-inqas wild wieħed residenti ta' taħt il-25 sena | | | 2.2. |
| | 2.3. | Koppji f'unjoni kunsenswali bl-iżgħar iben/bint residenti b'età ta' 25 sena jew ikbar | | | 2.3. |
| 3. | Familji b'missier waħdu | | | 3. | 3. |
| | 3.1. | Familji b'missier waħdu b'minn tal-inqas wild wieħed residenti ta' taħt il-25 sena | | | 3.1. |
| | 3.2. | Familji b'missier waħdu bl-iżgħar iben/bint residenti b'età ta' 25 sena jew ikbar | | | 3.2. |
| 4. | Familji b'omm waħedha | | | 4. | 4. |
| | 4.1. | Familji b'omm waħedha b'minn tal-inqas wild wieħed residenti ta' taħt il-25 sena | | | 4.1. |
| | 4.2. | Familji b'omm waħedha bl-iżgħar iben/bint residenti b'età ta' 25 sena jew ikbar | | | 4.2. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Tip ta' nukleu ta' familja" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "nuklei ta' familja", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Daqs ta' nukleu ta' familja**

Id-definizzjoni tat-terminu "nukleu ta' familja" previst għas-suġġett "Stat ta' familja" tapplika wkoll għas-suġġett "Daqs ta' nukleu ta' familja".

| Daqs ta' nukleu ta' familja | | | SFN. |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Żewġ persuni | | 1. |
| 2. | Tliet persuni sa ħames persuni | | 2. |
| | 2.1. | Tliet persuni | 2.1. |
| | 2.2. | Erba' persuni | 2.2. |

| Daqs ta' nukleu ta' familja | | | SFN. |
|---|---|---|---|
| | 2.3. | Ħames persuni | 2.3. |
| 3. | Sitt persuni jew iktar | | 3. |
| | 3.1. | Sitt persuni sa għaxar persuni | 3.1. |
| | 3.2. | 11-il persuna jew iktar | 3.2. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Daqs ta' nukleu ta' familja" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "nuklei ta' familja", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Stat ta' unità domestika**

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-"kunċett tat-tqassim tal-unità domestika" biex jidentifikaw l-unitajiet domestiċi privati, jew jekk dan ma jkunx possibbli, il-kunċett ta' "min ikun resident fl-unità domestika".

1. Il-kunċett tat-tqassim tal-unità domestika

Skont il-kunċett tat-tqassim tal-unità domestika, unità domestika privata hija:

(a) Unità domestika b'persuna waħda, jiġifieri persuna li tgħix waħedha f'unità ta' akkomodazzjoni separata jew li tokkupa, bħala persuna fl-akkomodazzjoni ta' ħaddieħor, kamra separata (jew kmamar separati) ta' unità ta' akkomodazzjoni iżda ma tingħaqadx ma' xi ħadd mill-okkupanti l-oħra tal-unità ta' akkomodazzjoni b'tali mod li tagħmel parti minn unità domestika b'iktar minn persuna waħda kif iddefinit hawn taħt; jew

(b) Unità domestika b'iktar minn persuna waħda, jiġifieri grupp ta' żewġ persuni jew iktar li flimkien jokkupaw parti mill-unità ta' akkomodazzjoni jew kollha kemm hi u li jakkwistaw l-ikel u possibbilment affarijiet essenzjali oħra għall-għajxien. Il-membri tal-grupp jistgħu xi ftit jew wisq jagħqdu d-dħul tagħhom flimkien.

2. Il-kunċett ta' min ikun resident fl-unità domestika

Il-kunċett ta' min ikun resident fl-unità domestika jikkunsidra lill-persuni kollha li jgħixu f'unità ta' akkomodazzjoni bħala membri tal-istess unità ta' akkomodazzjoni, b'tali mod li jkun hemm unità domestika waħda għal kull unità ta' akkomodazzjoni okkupata. Għaldaqstant, fil-kunċett ta' min ikun resident fl-unità domestika, l-għadd ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni okkupati u l-għadd ta' unitajiet domestiċi li jkunu qed jokkupawhom ikun indaqs, u l-lok tal-unitajiet ta' akkomodazzjoni u tal-unitajiet domestiċi jkun identiku.

Il-kategorija "Persuni li jgħixu f'unità domestika privata" jinkludi l-"Persuni f'nukleu ta' familja" (HST.M. u HST.H.1.1.) u l-"Persuni li mhumiex f'nukleu ta' familja" (HST.M. u HST.H. 1.2.). Il-kategorija "Persuni f'nukleu ta' familja" tinkludi l-persuni kollha li jagħmlu parti minn unità domestika privata li jkun fiha nukleu ta' familja li huma jkunu membri tiegħu. "Persuni li mhumiex f'nukleu ta' familja" tinkludi l-persuni kollha li jagħmlu parti minn unità domestika li ma tkunx familja jew minn unità domestika li tkun familja mingħajr ma jkunu membri ta' xi nukleu ta' familja f'dik l-unità domestika.

Unità domestika li ma tkunx familja tista' tkun unità domestika b'persuna waħda ("Persuna li tgħix waħedha" (HST.H.1.2.1.)) jew unità domestika b'iktar minn persuna waħda mingħajr l-ebda nukleu ta' familja. Il-kategorija "Persuna li ma tgħixx waħedha" (HST.H.1.2.2.) tinkludi persuni li jgħixu f'unità domestika b'iktar minn persuna waħda mingħajr l-ebda nukleu ta' familja jew li jgħixu f'unità domestika li tkun familja mingħajr ma jkunu membri ta' xi nukleu ta' familja f'dik l-unità domestika.

*Unità domestika istituzzjonali* tinkludi persuni li jkunu qed jiġu pprovduti b'kenn u b'sussistenza minn istituzzjoni. Istituzzjoni tinftiehem li tkun korp legali għall-fini ta' abitazzjoni u ta' forniment ta' servizzi fit-tul lil grupp ta' persuni. L-istituzzjonijiet is-soltu jkollhom faċilitajiet komuni li jkunu kondiviżi mill-okkupanti (kmamar tal-banju, swali, faċilitajiet tal-ikel, dormitorji, eċċ.).

Il-"Persuni mingħajr dar" (HST.M. 2.2. u HST.H.2.2.) huma persuni li jgħixu fit-toroq mingħajr kenn li jaqa' fl-ambitu ta' postijiet ta' għajxien (kundizzjoni primarja ta' persuna mingħajr dar) jew persuni li ta' sikwit jiċċaqilqu minn akkomodazzjoni temporanja għall-oħra (kundizzjoni sekondarja ta' persuna mingħajr dar).

| Stat ta' unità domestika | | | HST.L. | HST.M. | HST.H. |
|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. | 0. | 0. |
| 1. | Persuni li jgħixu f'unità domestika privata | | 1. | 1. | 1. |
| | 1.1. | Persuni f'nukleu ta' familja | | 1.1. | 1.1. |

| Stat ta' unità domestika | | | | HST.L. | HST.M. | HST.H. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1.2. | Persuni li mhumiex f'nukleu ta' familja | | | 1.2. | 1.2. |
| | | 1.2.1. | Persuna li tgħix waħedha | | | 1.2.1. |
| | | 1.2.2. | Persuna li ma tgħixx waħedha | | | 1.2.2. |
| | 1.3. | Persuni li jgħixu f'unità domestika privata, iżda l-kategorija ma tkunx iddikjarata | | | 1.3. | 1.3. |
| 2. | Persuni li ma jgħixux f'unità domestika privata | | | 2. | 2. | 2. |
| | 2.1. | Persuni f'unità domestika istituzzjonali | | | 2.1. | 2.1. |
| | 2.2. | Persuni li ma jgħixux f'unità domestika privata (inklużi l-persuni mingħajr dar), iżda l-kategorija ma tkunx iddikjarata | | | 2.2. | 2.2. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Stat ta' unità domestika" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta' kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Tip ta' unità domestika privata**

L-ispeċifikazzjonijiet għall-kunċetti ta' unità domestika previsti għas-suġġett "Stat ta' unità domestika" japplikaw ukoll għas-suġġett "Tip ta' unità domestika privata".

"Unitajiet domestiċi ta' koppji" għandha tinkludi l-unitajiet domestiċi ta' koppji miżżewġa, l-unitajiet domestiċi ta' koppji fi shubijiet irreġistrati u l-unitajiet domestiċi ta' koppji li jgħixu f'unjoni kunsenswali.

| Tip ta' unità domestika privata | | | | TPH.L. | TPH.H. |
|---|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. | 0. |
| 1. | Unitajiet domestiċi li mhumiex familja | | | 1. | 1. |
| | 1.1. | Unitajiet domestiċi b'persuna waħda | | 1.1. | 1.1. |
| | 1.2. | Unitajiet domestiċi b'iktar minn persuna waħda | | 1.2. | 1.2. |
| 2. | Unitajiet domestiċi b'familja waħda | | | 2. | 2. |
| | 2.1. | Unitajiet domestiċi ta' koppji | | | 2.1. |
| | | 2.1.1. | Koppji mingħajr ulied residenti | | 2.1.1. |
| | | 2.1.2. | Koppji b'minn tal-inqas wild wieħed residenti ta' taħt il-25 sena | | 2.1.2. |
| | | 2.1.3. | Koppji bl-iżgħar iben/bint residenti b'età ta' 25 sena jew ikbar | | 2.1.3. |
| | 2.2. | Unitajiet domestiċi b'missier waħdu | | | 2.2. |
| | | 2.2.1. | Unitajiet domestiċi b'missier waħdu b'minn tal-inqas wild wieħed residenti ta' taħt il-25 sena | | 2.2.1. |
| | | 2.2.2. | Unitajiet domestiċi b'missier waħdu bl-iżgħar iben/bint residenti b'età ta' 25 sena jew ikbar | | 2.2.2. |

| Tip ta' unità domestika privata | | | | TPH.L. | TPH.H. |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2.3. | Unitajiet domestiċi b'omm waħedha | | | 2.3. |
| | | 2.3.1. | Unitajiet domestiċi b'omm waħedha b'minn tal-inqas wild wieħed residenti ta' taħt il-25 sena | | 2.3.1. |
| | | 2.3.2. | Unitajiet domestiċi b'omm waħedha bl-iżgħar iben/bint residenti b'età ta' 25 sena jew ikbar | | 2.3.2. |
| 3. | Unitajiet domestiċi b'żewġ familji jew iktar | | | 3. | 3. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Tip ta' unità domestika privata" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "unitajiet domestiċi privati", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Daqs ta' unità domestika privata**

L-ispeċifikazzjonijiet għall-kunċetti ta' unitajiet domestiċi previsti għas-suġġett "Stat ta' unità domestika" japplikaw ukoll għas-suġġett "Daqs ta' unità domestika privata".

| Daqs ta' unità domestika privata | | | SPH. |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Persuna waħda | | 1. |
| 2. | Żewġ persuni | | 2. |
| 3. | Tliet persuni sa ħames persuni | | 3. |
| | 3.1. | Tliet persuni | 3.1. |
| | 3.2. | Erba' persuni | 3.2. |
| | 3.3. | Ħames persuni | 3.3. |
| 4. | Sitt persuni sa għaxar persuni | | 4. |
| 5. | 11-il persuna jew iktar | | 5. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Daqs ta' unità domestika privata" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "unitajiet domestiċi privati", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Arranġamenti ta' akkomodazzjoni**

Is-suġġett "Arranġamenti ta' akkomodazzjoni" ikopri l-popolazzjoni kollha u jirreferi għat-tip ta' akkomodazzjoni tar-residenza abitwali ta' persuna meta jsir iċ-ċensiment. Dan ikopri l-persuni kollha li meta jsir iċ-ċensiment ikunu residenti abitwali f'tipi differenti ta' postijiet ta' għajxien, jew li ma jkollhomx residenza abitwali u jkunu qed joqogħdu b'mod temporanju f'xi tip ta' postijiet ta' għajxien, jew li ma jkollhomx saqaf fuq rashom, li jorqdu barra jew f'xi post ta' kenn ta' emerġenza.

L-okkupanti huma persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fil-postijiet imniżżla fil-kategorija rispettiva.

"Akkomodazzjonijiet konvenzjonali" huma stabbilimenti li jkunu strutturalment separati u indipendenti f'lok fiss, li jkunu maħsuba għall-abitazzjoni permanenti tal-bnedmin u li fid-data ta' referenza:

(a) jintużaw bħala residenza, jew

(b) ikunu battala, jew

(c) ikunu rriżervati għal użu staġjonali jew sekondarju.

"Separati" tfisser li jkunu mdawrin bil-ħitan u mgħottija b'saqaf b'tali mod li persuna waħda jew iktar tkun tista' tiżola ruħha/ikunu jistgħu jiżolaw ruħhom. "Indipendenti" tfisser li jkollhom aċċess dirett minn triq, taraġ, passaġġ, mogħdija jew artijiet.

“Unitajiet oħra ta’ akkomodazzjoni” huma għarajjex, kabini, għarajfiet, gabubi, karavannijiet, dgħajjes li jservu ta’ djar, matmuriet, imtieħen, għerien jew kwalunkwe kenn ieħor li jintuża għall-abitazzjoni tal-bnedmin meta jsir iċ-ċensiment, irrispettivament jekk dan kienx maħsub għall-abitazzjoni tal-bnedmin.

“Postijiet ta’ għajxien kollettiv” huma stabbilimenti li jkunu maħsuba għall-abitazzjoni ta’ gruppi kbar ta’ individwi jew ta’ diversi unitajiet domestiċi, u li jintużaw bħala r-residenza abitwali ta’ minn tal-inqas persuna waħda meta jsir iċ-ċensiment.

“Akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati”, “unitajiet oħra ta’ akkomodazzjoni” u “postijiet ta’ għajxien kollettiv” flimkien jirrappreżentaw il-“postijiet ta’ għajxien”. Kwalunkwe “post ta’ għajxien” irid ikun ir-residenza abitwali ta’ minn tal-inqas persuna waħda.

It-total tal-“akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati” u ta’ “unitajiet oħra ta’ akkomodazzjoni” jirrappreżentaw l-“unitajiet ta’ akkomodazzjoni”.

Il-persuni mingħajr dar (persuni li ma jkunux residenti abitwali f’xi kategorija ta’ post ta’ għajxien) huma persuni li jgħixu fit-toroq mingħajr kenn li jaqa’ fl-ambitu ta’ postijiet ta’ għixien (kundizzjoni primarja ta’ persuna mingħajr dar) jew persuni li ta’ sikwit jiċċaqilqu minn akkomodazzjoni temporanja għall-oħra (kundizzjoni sekondarja ta’ persuna mingħajr dar).

| **Arranġamenti ta’ akkomodazzjoni** | | | **HAR.** |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Okkupanti li jgħixu f’akkomodazzjoni konvenzjonali jew f’post ta’ għajxien kollettiv | | 1. |
| | 1.1. | Okkupanti li jgħixu f’akkomodazzjoni konvenzjonali | 1.1. |
| | 1.2. | Okkupanti li jgħixu f’post ta’ għajxien kollettiv | 1.2. |
| 2. | Okkupanti li jgħixu f’unità oħra ta’ akkomodazzjoni u persuni mingħajr dar | | 2. |
| 3. | Mhux iddikjarat | | 3. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta’ “Arranġamenti ta’ akkomodazzjoni” huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni ta’ kwalunkwe total jew sottototal li jirreferu għal persuni.

**Suġġett: Stat ta’ pussess ta’ unitajiet domestiċi**

Is-suġġett “Stat ta’ pussess ta’ unitajiet domestiċi” jirreferi għall-arranġamenti li permezz tagħhom unità domestika privata tokkupa parti minn unità ta’ akkomodazzjoni jew kollha kemm hi.

L-unitajiet domestiċi li jkunu fil-proċess li jħallsu l-ipoteka fuq l-unità ta’ akkomodazzjoni li jgħixu fiha jew li jixtru l-unità ta’ akkomodazzjoni tagħhom fuq medda ta’ żmien permezz ta’ arranġamenti finanzjarji oħra għandhom jiġu kklassifikati fil-kategorija “Unitajiet domestiċi li minn tal-inqas membru wieħed minnhom ikun is-sid tal-unità ta’ akkomodazzjoni jew ta’ parti minnha” (TSH.1.).

L-unitajiet domestiċi li minn tal-inqas membru wieħed minnhom ikun is-sid tal-unità ta’ akkomodazzjoni u minn tal-inqas membru wieħed minnhom ikun il-kerrej ta’ parti mill-unità ta’ akkomodazzjoni jew ta’ kollha kemm hi għandhom jiġu kklassifikati fil-kategorija “Unitajiet domestiċi li minn tal-inqas membru wieħed minnhom ikun is-sid tal-unità ta’ akkomodazzjoni jew ta’ parti minnha” (TSH.1.).

| **Stat ta’ pussess ta’ unitajiet domestiċi** | | **TSH.** |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Unitajiet domestiċi li minn tal-inqas membru wieħed minnhom ikun is-sid tal-unità ta’ akkomodazzjoni jew ta’ parti minnha | 1. |
| 2. | Unitajiet domestiċi li minn tal-inqas membru wieħed minnhom ikun il-kerrej tal-unità ta’ akkomodazzjoni jew ta’ parti minnha (u l-ebda membru ieħor ma jkun is-sid) | 2. |
| 3. | Unitajiet domestiċi li jokkupaw parti mill-unità ta’ akkomodazzjoni jew kollha kemm hi permezz ta’ xi forma ta’ pussess | 3. |
| 4. | Mhux iddikjarat | 4. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta’ “Stat ta’ pussess ta’ unitajiet domestiċi” huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta’ “unitajiet domestiċi privati”, u ta’ kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Tip ta' postijiet ta' għajxien**

Post ta' għixien huwa akkomodazzjoni li tkun ir-residenza abitwali ta' persuna waħda jew iktar. It-termini "Akkomodazzjonijiet konvenzjonali", "Unitajiet oħra ta' akkomodazzjoni" u "Postijiet ta' għajxien kollettiv" huma ddefiniti bħallikieku jaqgħu fis-suġġett "Arranġamenti ta' akkomodazzjoni".

| Tip ta' post ta' għajxien | | TLQ. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati | 1. |
| 2. | Unitajiet oħra ta' akkomodazzjoni | 2. |
| 3. | Postijiet ta' għajxien kollettiv | 3. |
| 4. | Mhux iddikjarat | 4. |

Il-kategorizzazzjoni "Tip ta' post ta' għajxien" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "postijiet ta' għajxien", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Stat ta' okkupazzjoni ta' abitazzjonijiet konvenzjonali**

"Akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati" huma akkomodazzjonijiet konvenzjonali li jkunu r-residenza abitwali ta' persuna waħda jew iktar meta jsir iċ-ċensiment. "Akkomodazzjonijiet konvenzjonali li mhumiex okkupati" huma postijiet konvenzjonali li ma jkunux ir-residenza abitwali ta' xi persuna meta jsir iċ-ċensiment.

*L-akkomodazzjonijiet irriżervati għal użu staġjonali jew sekondarju, l-akkomodazzjonijiet battala, kif ukoll l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali b'persuni preżenti iżda li ma jkunux inklużi fiċ-ċensiment għandhom jiġu kklassifikati fil-kategorija "Akkomodazzjonijiet konvenzjonali li mhumiex okkupati" (OCS.2.).*

| Stat ta' okkupazzjoni ta' akkomodazzjonijiet konvenzjonali | | OCS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati | 1. |
| 2. | Akkomodazzjonijiet konvenzjonali li mhumiex okkupati | 2. |
| 3. | Mhux iddikjarat | 3. |

Il-kategorizzazzjonijiet ta' "Stat ta' okkupazzjoni ta' akkomodazzjonijiet konvenzjonali" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Tip ta' sjieda (arranġamenti ta' pussess li permezz tagħhom akkomodazzjoni tiġi okkupata)**

Is-suġġett "Tip ta' sjieda" jirreferi għas-sjieda tal-akkomodazzjoni u mhux għas-sjieda tal-art li fuqha jkun hemm l-akkomodazzjoni. Din maħsuba biex tindika l-arranġamenti ta' pussess li permezz tagħhom l-akkomodazzjoni tiġi okkupata.

L-"Akkomodazzjonijiet okkupati mis-sid" huma dawk l-akkomodazzjonijiet li fihom minn tal-inqas okkupant wieħed tal-akkomodazzjoni jkun is-sid tal-akkomodazzjoni kollha jew ta' partijiet minnha.

L-"Akkomodazzjonijiet mikrija" huma dawk l-akkomodazzjonijiet li fihom minn tal-inqas okkupant wieħed iħallas kera għall-okkupazzjoni tal-akkomodazzjoni, u li fihom l-ebda okkupant ma jkun is-sid tal-akkomodazzjoni kollha jew ta' partijiet minnha.

L-"Akkomodazzjonijiet konvenzjonali li mhumiex okkupati" għandhom jiġu kklassifikati f'"Mhux applikabbli" (OWS.5.).

| Tip ta' sjieda | | OWS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Akkomodazzjonijiet okkupati mis-sid | 1. |
| 2. | Akkomodazzjonijiet mikrija | 2. |

| Tip ta' sjieda | | OWS. |
|---|---|---|
| 3. | Akkomodazzjonijiet b'tipi oħra ta' sjieda | 3. |
| 4. | Mhux iddikjarat | 4. |
| 5. | Mhux applikabbli | 5. |

Il-kategorizzazzjoni "Tip ta' sjieda" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Għadd ta' okkupanti**

L-għadd ta' okkupanti ta' unità ta' akkomodazzjoni huwa l-għadd ta' persuni li għalihom l-unità ta' akkomodazzjoni tkun ir-residenza abitwali.

| Għadd ta' okkupanti | | | | NOC. |
|---|---|---|---|---|
| 0. | Total | | | 0. |
| 1. | Persuna waħda | | | 1. |
| 2. | Żewġ persuni | | | 2. |
| 3. | Tliet persuni sa ħames persuni | | | 3. |
| | 3.1. | Tliet persuni | | 3.1. |
| | 3.2. | Erba' persuni | | 3.2. |
| | 3.3. | Ħames persuni | | 3.3. |
| 4. | Sitt persuni jew iktar | | | 4. |
| | 4.1. | Sitt persuni sa għaxar persuni | | 4.1. |
| | | 4.1.1. | Sitt persuni | 4.1.1. |
| | | 4.1.2. | Seba' persuni | 4.1.2. |
| | | 4.1.3. | Tmien persuni | 4.1.3. |
| | | 4.1.4. | Disa' persuni | 4.1.4. |
| | | 4.1.5. | Għaxar persuni | 4.1.5. |
| | 4.2. | 11-il persuna jew iktar | | 4.2. |

Il-kategorizzazzjonijiet tal-"Għadd ta' okkupanti" huma maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Spazju ta' art utli u/jew Għadd ta' kmamar tal-unitajiet ta' akkomodazzjoni**

"Spazju ta' art utli" huwa ddefinit bħala:

— l-ispazju ta' art imkejjel minn ġewwa tal-ħitan ta' barra, esklużi l-kantini u l-attiċi mhux abitabbli, u fil-binjiet li jkun fihom iżjed minn abitazzjoni waħda, l-ispazji komuni kollha; jew

— l-ispazju totali ta' art tal-kmamar li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kamra".

"Kamra" hija ddefinita bħala spazju f'unità ta' akkomodazzjoni li tkun magħluqa bil-ħitan mill-art sas-saqaf, ta' daqs kbir biżżejjed biex toqgħod sodda ta' adult (minn tal-inqas erba' metri kwadri) u b'għoli ta' minn tal-inqas żewġ metri fil-biċċa l-kbira tas-saqaf.

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-kategorizzazzjoni "Spazju ta' art utli" jew, jekk dan ma jkunx possibbli, l-"Għadd ta' kmamar".

| Spazju ta' art utli | | UFS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Inqas minn 30 metru kwadru | 1. |
| 2. | 30 sa inqas minn 40 metru kwadru | 2. |
| 3. | 40 sa inqas minn 50 metru kwadru | 3. |
| 4. | 50 sa inqas minn 60 metru kwadru | 4. |
| 5. | 60 sa inqas minn 80 metru kwadru | 5. |
| 6. | 80 sa inqas minn 100 metru kwadru | 6. |
| 7. | 100 sa inqas minn 120 metru kwadru | 7. |
| 8. | 120 sa inqas minn 150 metru kwadru | 8. |
| 9. | 150 metru kwadru u iżjed | 9. |
| 10. | Mhux iddikjarat | 10. |

Il-kategorizzazzjoni "Spazju ta' art utli" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

| Għadd ta' kmamar | | NOR. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Kamra waħda | 1. |
| 2. | Żewġt ikmamar | 2. |
| 3. | Tlett ikmamar | 3. |
| 4. | Erbat ikmamar | 4. |
| 5. | Ħamest ikmamar | 5. |
| 6. | Sitt ikmamar | 6. |
| 7. | Sebat ikmamar | 7. |
| 8. | Tmint ikmamar | 8. |
| 9. | Disat ikmamar u iktar | 9. |
| 10. | Mhux iddikjarat | 10. |

Il-kategorizzazzjoni "Għadd ta' kmamar" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Standard ta' densità**

Is-suġġett "Standard ta' densità" jorbot l-ispazju ta' art utli f'metri kwadri jew l-għadd ta' kmamar man-numru ta' okkupanti, kif speċifikat fis-suġġett "Għadd ta' okkupanti". L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-istandard ta' densità mkejjel permezz tal-kategorizzazzjoni "Spazju ta' art utli", jew, jekk dan ma jkunx possibbli, permezz tal-"Għadd ta' kmamar".

| Standard ta' densità (spazju ta' art) | | DFS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Inqas minn 10 metri kwadri għal kull okkupant | 1. |
| 2. | Minn 10 metru sa inqas minn 15-il metru kwadru għal kull okkupant | 2. |
| 3. | Minn 15-il metru sa inqas minn 20 metru kwadru għal kull okkupant | 3. |
| 4. | Minn 20 metru sa inqas minn 30 metru kwadru għal kull okkupant | 4. |
| 5. | Minn 30 metru sa inqas minn 40 metru kwadru għal kull okkupant | 5. |
| 6. | Minn 40 metru sa inqas minn 60 metru kwadru għal kull okkupant | 6. |
| 7. | Minn 60 metru sa inqas minn 80 metru kwadru għal kull okkupant | 7. |
| 8. | 80 metru kwadru u iżjed għal kull okkupant | 8. |
| 9. | Mhux iddikjarat | 9. |

Il-kategorizzazzjoni "Standard ta' densità (spazju ta' art)" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati", u ta' kwalunkwe sottototal.

| Standard ta' densità (għadd ta' kmamar) | | DRM. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Inqas min 0,5 kamra għal kull okkupant | 1. |
| 2. | Minn 0,5 sa inqas minn kamra (1,0) għal kull okkupant | 2. |
| 3. | Minn 1,0 sa inqas minn 1,25 kmamar għal kull okkupant | 3. |
| 4. | Minn 1,25 sa inqas minn 1,5 kmamar għal kull okkupant | 4. |
| 5. | Minn 1,5 sa inqas minn 2,0 kmamar għal kull okkupant | 5. |
| 6. | Minn 2,0 sa inqas minn 2,5 kmamar għal kull okkupant | 6. |
| 7. | Minn 2,5 sa inqas minn 3,0 kmamar għal kull okkupant | 7. |
| 8. | 3,0 kmamar u iktar għal kull okkupant | 8. |
| 9. | Mhux iddikjarat | 9. |

Il-kategorizzazzjoni "Standard ta' densità (għadd ta' kmamar)" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali okkupati", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Sistema tal-provvista tal-ilma**

*Huwa rikonoxxut li, għal xi Stati Membri, li fihom hemm evidenza abbażi ta' ċensimenti preċedenti, ta' sorsi ta' dejta amministrattiva jew ta' dejta minn stħarriġ kampjunarju, wieħed jista' jassumi li prattikament l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali kollha għandhom l-"Ilma tal-vit f'akkomodazzjoni konvenzjonali". Għalhekk, għal dawn l-Istati Membri, l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali kollha jistgħu jingħataw il-kodiċi WSS.1 — "Ilma tal-vit f'akkomodazzjoni konvenzjonali". Meta l-Istati Membri jadottaw din l-opzjoni, għandhom jiċċertifikaw din is-suppożizzjoni u jispjegawha fil-metadejta.*

| Sistema tal-provvista tal-ilma | | WSS. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Ilma tal-vit f'akkomodazzjoni konvenzjonali | 1. |
| 2. | L-ebda ilma tal-vit f'akkomodazzjoni konvenzjonali | 2. |
| 3. | Mhux iddikjarat | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Sistema tal-provvista tal-ilma" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Faċilitajiet ta' tojlit**

*Huwa rikonoxxut li, għal xi Stati Membri, li fihom hemm evidenza abbażi ta' ċensimenti preċedenti, ta' sorsi ta' dejta amministrattiva jew ta' dejta minn stħarriġ kampjunarju, wieħed jista' jassumi li prattikament l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali kollha għandhom "Faċilitajiet ta' tojlit". Għalhekk, għal dawn l-Istati Membri, l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali kollha jistgħu jingħataw il-kodiċi TOI.1 — "Tojlit bl-ifflaxxjar f'akkomodazzjoni konvenzjonali". Meta l-Istati Membri jadottaw din l-opzjoni, għandhom jiċċertifikaw din is-suppożizzjoni u jispjegawha fil-metadejta.*

| Faċilitajiet ta' tojlit | | TOI. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Tojlit bl-ifflaxxjar f'akkomodazzjoni konvenzjonali | 1. |
| 2. | L-ebda tojlit bl-ifflaxxjar f'akkomodazzjoni konvenzjonali | 2. |
| 3. | Mhux iddikjarat | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Faċilitajiet ta' tojlit" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Faċilitajiet tal-ħasil tal-ġisem**

Faċilità tal-ħasil tal-ġisem hija kwalunkwe faċilità maħsuba għall-ħasil tal-ġisem kollu u tinkludi l-faċilitajiet ta' doċċa.

*Huwa rikonoxxut li, għal xi Stati Membri, li fihom hemm evidenza abbażi ta' ċensimenti preċedenti, ta' sorsi ta' dejta amministrattiva jew ta' dejta minn stħarriġ kampjunarju, wieħed jista' jassumi li prattikament l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali kollha għandhom "Faċilitajiet tal-ħasil tal-ġisem". Għalhekk, għal dawn l-Istati Membri, l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali kollha jistgħu jingħataw il-kodiċi BAT.1. — "Banju fiss jew doċċa fissa f'akkomodazzjoni konvenzjonali". Meta l-Istati Membri jadottaw din l-opzjoni, għandhom jiċċertifikaw din is-suppożizzjoni u jispjegawha fil-metadejta.*

| Faċilitajiet tal-ħasil tal-ġisem | | BAT. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Banju fiss jew doċċa fissa f'akkomodazzjoni konvenzjonali | 1. |
| 2. | L-ebda banju fiss jew doċċa fissa f'akkomodazzjoni konvenzjonali | 2. |
| 3. | Mhux iddikjarat | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Faċilitajiet tal-ħasil tal-ġisem" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Tip ta' tisħin**

Akkomodazzjoni konvenzjonali tiġi kkunsidrata li jkollha tisħin ċentrali jekk it-tisħin jiġi pprovdut minn ċentru ta' tisħin kollettiv jew minn installazzjoni fil-binja jew fl-akkomodazzjoni konvenzjonali, li jkunu stabbiliti għal finijiet ta' tisħin, mingħajr ma jitqies is-sors tal-enerġija.

*Huwa rikonoxxut li, għal xi Stati Membri, li fihom hemm evidenza abbażi ta' ċensimenti preċedenti, ta' sorsi ta' dejta amministrattiva jew ta' dejta minn stħarriġ kampjunarju, wieħed jista' jassumi li prattikament l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali kollha għandhom "Tisħin ċentrali". Għalhekk, għal dawn l-Istati Membri, l-akkomodazzjonijiet konvenzjonali kollha jistgħu jingħataw il-kodiċi TOH.1 — "Tisħin ċentrali". Meta l-Istati Membri jadottaw din l-opzjoni, għandhom jiċċertifikaw din is-suppożizzjoni u jispjegawha fil-metadejta.*

| Tip ta' tisħin | | TOH. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Tisħin ċentrali | 1. |
| 2. | L-ebda tisħin ċentrali | 2. |
| 3. | Mhux iddikjarat | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Tip ta' tisħin" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Akkomodazzjonijiet skont it-tip ta' binja**

Is-suġġett "Akkomodazzjonijiet skont it-tip ta' binja" jirreferi għall-għadd ta' akkomodazzjonijiet fil-binja li fiha tkun qiegħda l-akkomodazzjoni.

*Binja tiġi kkunsidrata bħala Binja nonresidenzjali meta l-fini tagħha tkun nonresidenzjali b'mod predominanti (binja kummerċjali, binja ta' uffiċini, fabbrika) iżda jkun fiha tassew ftit akkomodazzjonijiet, pereżempju għall-persuna li tkun inkarigata li tieħu ħsieb il-proprjetà jew għal impjegat tal-akkomodazzjoni.*

| Akkomodazzjonijiet skont it-tip ta' binja | | | TOB. |
|---|---|---|---|
| 0. | Total | | 0. |
| 1. | Akkomodazzjonijiet konvenzjonali f'binjiet residenzjali | | 1. |
| | 1.1. | Akkomodazzjonijiet konvenzjonali f'binjiet b'akkomodazzjoni waħda | 1.1. |
| | 1.2. | Akkomodazzjonijiet konvenzjonali f'binjiet b'żewġ akkomodazzjonijiet | 1.2. |
| | 1.3. | Akkomodazzjonijiet konvenzjonali f'binjiet bi tliet akkomodazzjonijiet jew iktar | 1.3. |
| 2. | Akkomodazzjonijiet konvenzjonali f'binjiet nonresidenzjali | | 2. |
| 3. | Mhux iddikjarat | | 3. |

Il-kategorizzazzjoni "Akkomodazzjonijiet skont it-tip ta' binja" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.

**Suġġett: Akkomodazzjonijiet skont il-perjodu ta' kostruzzjoni**

Is-suġġett "Akkomodazzjonijiet skont il-perjodu ta' kostruzzjoni" jirreferi għas-sena meta tlestiet il-binja li fiha tkun qiegħda l-akkomodazzjoni.

| Akkomodazzjonijiet skont il-perjodu ta' kostruzzjoni | | POC. |
|---|---|---|
| 0. | Total | 0. |
| 1. | Qabel l-1919 | 1. |
| 2. | 1919-1945 | 2. |
| 3. | 1946-1960 | 3. |

| Akkomodazzjonijiet skont il-perjodu ta' kostruzzjoni | | POC. |
|---|---|---|
| 4. | 1961-1980 | 4. |
| 5. | 1981-2000 | 5. |
| 6. | 2001-2010 | 6. |
| 7. | 2011-2015 | 7. |
| 8. | 2016 u wara | 8. |
| 9. | Mhux iddikjarat | 9. |

Il-kategorizzazzjoni "Akkomodazzjonijiet skont il-perjodu ta' kostruzzjoni" hija maħsuba biex issir kategorizzazzjoni tat-total ta' "akkomodazzjonijiet konvenzjonali", u ta' kwalunkwe sottototal.